MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 480/2004

**Julian Baldacchino**

**Vs**

**Carmelo Grima u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2006 giet kjamata in kawza Fiona Mckeown**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jirrifondi s-somma ta' Lm1580 u dan wara li din l-Onorabbli Qorti tirrixendi l-kuntratt ta' bejgh bejn il-konvenut u l-attur, fir-rigward ta' vettura tal-marka Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni DBE 736; dan peress illi l-vettura in kwistjoni ghandha "chassis number" falz, cioe mhux dak li kienet originarjament harget bih mill-fabbrika, u ghalhekk l–vettura tikkostitwixxi merkanzija mhux negozjabbli.

Bl-ispejjez, u imghaxijiet mid-data tal-bejgh. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tal-attur huma infondanti fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu dak allegat mill-attur li l-vettura ta' tip Subaru, numru ta' registrazzjoni DBE 736, mibjugha *second hand* lilu mill-konvenut mhix negozjabbli ghaliex kellha fil-mument ta' bejgh *chassis number* falz, u dan kif ser jirrizulta mill-provi, tant illi qabel ma' ghamel it-transfer tal-vettura fis-6 ta' Gunju 2002 kien talab li jsir VRT test iehor, u dan ghamlu l-attur stess ghand socjeta' licensjata li taghmel it-testijiet.
2. Illi l-konvenut, li huwa *dealer* tal-karozzi, xtara in *buona fede* l-vettura *second hand* minghand ceru Fiona Mckeown fid-29 ta' Dicembru 2001 u biegh il-vettura hemmhekk mixtrija minnu, ukoll in *buona fede*, lill-attur ftit xhur wara u cioe' fil-bidu ta'Gunju 2002.
3. Illi l-konvenut jirrizerva li jitlob li tigi kkjamata fil-kawza Fiona Mckeown, il-persuna li bieghet il-vettura lill-konvenut.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment d-digriet moghti fis-16 ta' Marzu 2007, mill-Qorti kif diversament presjeduta (fol 54 ibid) u dak moghti fil-17 ta' Ottubru 2007 (fol 65 ibid) u l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2007 (fol 69 ibid).

Rat in-nota ta' sottomisssjonjiet tal-attur a fol 91 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, kif xehed permezz ta' affidavits a fol 9 u fol 44 et seq ibid, beda billi qal illi hu kien xtara minghand il-konvenut, il-vettura in kwistjoni, u dan matul l-ewwel gimgha ta' Gunju 2002, liema venditur kien thallas il-prezz kollu, ammontanti ghal Lm1580, fi flus kontanti. Wara li xtraha, hu kien ghamel xi spejjes, kif deskritti fix-xhieda stess. <u>Ghall-habta nofs Jannar tal-2004</u>, hu kien ra li kien

hiereg sadid u ghalhekk kien hadha ghand “panel beater” qara x-xhieda ta’ Joseph Catania a fol 22 et seq ibid, u hawnhekk, kif induna illi “… taht il-‘bonnet’ kien hemm bhal donnha forma ta’ kaxxa maqtugha’. Meta uriha lill-istess ‘panel beater’, dan qallu illi l-karozza “… kienet giet imbaghbsa”. Difatti, f’dan il-post, “…normalment jigi ttimbrat … ix-‘chassis number’ tal-karozza”. Dan il-fatt inkwetah hafna u, ghalhekk, l-ghada stess, kien mar ghand il-konvenut u eventwalment, dan kien ikkonferma mieghu illi”.. min qata l-pjanca tax-‘chassis number’ ma kienx persuna tas-sengha” u li kienet intuzat “.. pjanca … komuni” konsistenti fi folja li juzaw ‘panel beaters’ f’riparazzjonijiet ta’ karozzi. Eventwalment wara diversi inkontri jew tentattivi ta’ inkontri bejn il-partijiet u ex-proprjetarji tal-istess vettura li tista’ tghid sfaw fix-xejn, jidher li l-konvenut kien dispost u li jbiddel il-karozza in kwistjoni ma’ ohra. L-attur kien ukoll lest li jasal ghal kompromess izda l-vettura offruta mill-konvenut ma kienitx accettabbli ghall-attur u ghalhekk l-attur xtaq li jiehu lura l-flus li kien hallas bhala prezz tal-istess vettura. Inoltre minhabba is-sitwazzjoni kif hawn fuq deskritta, l-attur kien kostrett illi jpoggi l-vettura in kwistjoni f’garage’ mikri apposta minnu (ara d-dokumenti esebit in fotokopja mill-attur a fol 16 sa fol 18 li jghid illi x-‘chassis number’ originali tal-vettura in esami kien gie rimpjazzat b’iehor kif ukoll ir-ritratti annessi a fol 28 esebiti minn Anthony Mizzi li kien ghamel “survey” tal-istess vettura fuq inkarigu tal-attur kif jdiher mix-xheida a fol 25 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attur pproduca lil Brian M Farrugia (fol 32 et seq ibid) in rappresentanza tal-‘Licensing and Testing Directoriate” f’hdan l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku” (A.D.T.). Dan ikkonferma illi l-vettura tal-marka “Subaru J10” numru DBE 736 u kellha bhala ‘chassis number’ OO8142, liema numru numru qatt ma kien inbidel mill-imporazzjoni taghha, f’Malta fl-1991. Ix-xhud spjega illi meta dan in-numru jigi rrangat jew mibdul, il-Pulizija terga tittimbra n-numru u taghmel “MP” fuq quddiem u fuq wara. Dwar il-vettura in kwistjoni ix-xhud, qal illi “… jirrizulta li sa’ l-2002, kienet qeghda ggaraxxjata … fis-sens illi l-‘plates’ tal-

licenzja kienu qeghdin ghand l-ADT u allura mhux suppost kienet tintuza allura jista' jaghti l-kaz li din ghadha qatt ma ghaddiet ghall-VRT".

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz kien gie investigat, wara rapport li sar mill-attur, mill-Pulizija specifikatament mill-Ispettur Stephen Mallia (fol 38 et seq ibid) li spjega illi l-karozza numru DBE 736 tal-marka 'Subaru J10" u bin-numri tal-magna u 'chassis' li ghandha l-vettura in kwistjoni kienet wahda ta' kulur griz u kellha il-'gearbox' awtomatiku. '… u ghalhekk m setghetx kienet il-vettura in kwistjoni" in vista li din hi ta' kulur abjad u b'gear box' manwali. Dejjem b'referenza ghall-vettura tal-attur, din mill-bidu nett kienet ta' kulur griz u b''gear box' tiffunzjona manwalment. Mill-investigazzjonijiet, hu kien stabilixxa illi l-vettura griza b'gear box' awtomatiku kienet, f'certu perjodu, ghand Charles Bianco, li kien qal lix-xhud illi kienet involuta f'incident tat-traffiku, li giet riparata u nghatat il-kulur abjad u 'gear box' manwali. Din ir-riparazzjoni, skond Charles Bianco, kienet giet riparata ghand persuna li sadattant kienet mietet. Inoltre, kien gie rintraccat il-proprjetarju ta' din il-vettura qabel ma giet f'idejn Charles Bianco, u meta ra l-vettura tal-attur, hu kien qal li din il-vettura tal-ahhar ma kienetx l-istess wahda li kellu hu u li kien biegh lill-istess Charles Bianco.

Bhala risultat ta' dawn l-investigazzjonijiet "… fuq din il-karozza (appartenenti lill-attur) ssir certa restrizzjoni fis-sens illi ma tkunx tista' tigi trasferita". Inoltre, meta kien qed jaghti x-xhieda tieghu, kienu ghadhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet tal-kaz u dan sabiex tigi rintraccata :" ... il-vettura li, presumbilment, insterqet, u li fuqha twahhlu dan ix-'chassis number'". Inoltre, pendenti l-investigazzjonijiet, "… l-licenzja taghha ma tistax tigi imgedda" u l-vettura "…nzommha ghandna".

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi in esami w l-fatti minnhom risultanti, ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-vettura

akkwistata mill-attur, kellha fid-data tal-bejgh taghha, u ghad ghandha, numru ta' "chassis" falz, liema numru seta' jinkixef meta l-attur kien hadha ghand tellar sabiex jsir xi xoghol fuqha. Dan il-fatt gab li l-istess vettura, filfatt, ma tistax tintuza fuq it-triq, minhabba, ukoll, l-investigazzjonijiet li kienu qed jsiru mill-Pulizija u lanqas tista' tigi trasferita lil terzi).

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, ma sar ebda referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ghal xi artikolu tal-Kodici Civili li jista' jkun applikabbli ghal dan il-kaz, hlief ghall-artikolu 1370 tal-Kodici Civili li tittratta dwar oggetti "extra commercium".

Illi dan l-artikolu ghandu jigi abbinat mal-artikolu 1376 tal-istess Kodici kif rez applikabbli permezz ta' dak sussegwenti cjoe l-artikolu 1377. Dan l-artikolu, pero', fil-fehma tal-Qorti ma hux applikabbli in vista li ma irrisultax b'mod car illi il-konvenut kien konsapevoli ta' dak risultanti mill-provi dwar in-numru tax-'chassis' tal-vettura in esami. L-istess, b'mod evidenti, ghandu jinghad dwar l-attur, il-kompratur tal-istess vettura. Inoltre, l-istess Qorti ghandha dubbju dwar kemm l-istess artikoli jistghu jigu applikabbli f'dan il-kaz minhabba li, fil-mument tal-bejgh hadd mill-partijiet involuti kien jaf illi il-bejgh tal-istess vettura kien projbit mill-ligi.

Ikkunsidrat

Illi, il-venditur kellu jiggarantixxi illi l-vettura kienet esenti minn difetti mohbija li jirrendiha inideonea ghall-uzu li ghaliha hi intiza jew li jnaqqsu l-valur taghha b'tali mod illi l-attur ma kienx jixtirha f'kaz li kien konsapevoli ta' tali difetti. Filfatt, din l-azzjoni tista' tkun l-"actio redhibitoria" kif regolata mill-artikolu 1427 tal-Kodici Civili u li permezz taghha jista' jigi rexiss il-bejgh u l-prezz, gja mhallas, jigi moghti lura lill-kompratur.

Illi, fil-kaz in desamina, jissusisti l-elementi kollha sabiex din l-azzjoni tista' tigi ezercitati f'dan il-kaz. Difatti irrisulta

b'mod car li n-numru tax-'chassis" kien gie mbaghbas u kien wiehed falz u mhux mibdul bl-intervent tal-awtorita' kompetenti.  Tali difett gie skopert, biss, meta kien qed jsir xoghol fuq l-istess vettura minn tellar u l-attur, immedjatament kien ha dawk il-passi kif deskritti fix-xhieda tieghu.

Illi, minhabba dak premess, l-attur spicca billi kellu vettura li ma tistax tintuza fuq it-triq u filfatt jidher li, kienet qed tinzamm mill-Pulizija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-eccezzjonijiet in esami, kif sottomessi mill-konvenut, ghandu jigi rilevat illi l-ewwel eccezzjoni ma tistax treggi minhabba dak risultanti mill-provi u kif hawn fuq esposti, illi, dwar il-venditur li kien 'in buona fede', din hi irrilevanti stante li l-attur ma hux qed jitlob danni (ara f'dan ir-rigward l-artikolu 1429 tal-Kodici Civili u l-artikolu 1376 u 1377 ibid gja citati) u illi, dwar il-kjamata fil-kawza ta' Fiona Mckeown, din it-talba l-ewwel kienet giet akkolta u sussegwentement revokata mill-Qorti kif diversament presjeduta ghar-raguni hemm specifikata (ara fol 65 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u :-

1. Tirrixxendi l-kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet, fir-rigward tal-vettura tal-marka Subaru J10 bin-numru ta' registrazzjoni DBE 736 u;
2. tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm1580 ossija Euro3680.41 u sabiex jhallas lill-istess attur l-imghaxijiet legali mit-2 ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------